MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru 882/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Kevin Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kevin Azzopardi** ta' 33 sena, bin Raymond u Maria Elenea *nee'* Mallia, mwieled Pieta fl-14 ta' Settembru 1972, residenti nru 3, Ray Mar House, Orange Street, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 416472(M);

Talli fis-6 t'Awissu 2006 ghall-habta ta' 00:30hrs gewwa Had-Dingli minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunjat feriti ta' natura gravi

fuq ill-persuna ta’ Louis Joe Dalli minn Tas-Sliema skond kif iccertifika Louis Gatt tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitlu 9 Tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkommetejt hsara volontarja fuq vettura nru VTS 180 tal-ghamla Citreon ghad-dannu tal-istess Louis Joe Dalli u Muscat Motor’s Ltd u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt ghall-istess Louis Joe Dalli u persuni ohra sabiex tingurjahom, iddejjaqhom jew taghmlilhom hsara u dan ai termini tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa kaz imressaq fuq istanza ta’ kwerelant, Joe Louis Dalli, li kien rraporta lill-Pulizija illi fis-6 t’Awissu, 2006 li ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu gewwa Had Dingli waqt li kien fil-kumpanija ta’ Kristina Azzopardi, kien aggredit mill-imputat u kkawzalu griehi kif ukoll hsarat fil-vettura li kien fiha.
Il-kwerelant jghid illi dakinhar kien fil-vettura tieghu iparkjat Dingli Cliffs fil-kumpanija ta’ Christine Agius, l-mara tal-imputat appena minnu separata, bid-dawl ta’ gewwa mixghul, meta ra lill-imputat gej fid-direzzjoni taghhom u beda jisfida lill-kwerelant biex johrog ghal glied filwaqt li

beda jipprova jiftah il-bieba tal-karozza u ghamlilha l-hsara. Minkejja dan, huwa prova jitlaq minn fuq il-post u qabbad il-karozza izda qabel ma rnexxielu jdawwar il-vettura, l-imputat tah daqqa ta' ponn go wiccu. Huwa wera ritratti (fol 22 sa 25 u fol 45) u certifikat mediku (fol 6 u 7) li juri li sofra ferita 'l barra minn ghajnejh il-leminijia li kellha bzonn zewg punti u tbengila taht ghajnejn il-leminija [u cioe il-kassika "black eye] (kliem tal-Qorti). Kienet ukoll esebita stima ta' hsarat fl-ammont ta' Lm159.30 (fol 21) fir-rigward ta' tiswija, xoghol u zebgha tal-bieba tal-lemin tal-vettura tal-kwerelant. Il-kwerelant jilmenta mill-fatt illi l-punti li sarulu f'wiccu hallewlu marka u ghadu jhoxx tigbid f'ghajnejh.
Christine Agius, ikkonfermat dak kollu li qal l-kwerelant u ziedet telabora dwar aspett li semma dan tal-ahhar u cioe li l-imputat kien qed isuq vettura li fija kien hemm certu Tiziana Chircop li hi gharfitha minghajr dubju ghaliex kienet hi l-kawza tas-separazzjoni taghha.
Tiziana Chirchop ikkonfermat illi l-vettura taghha hija dik indentifikata mix-xhieda su detti izda cahdet li kienet mal-imputat dakinhar ghaliex kienet marida u baqghet id-dar.
L-imputat ghazel li jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif gara l-kaz u spjega illi dakinhar kien bil-vettura tieghu nizel mir-Rabat minn fejn kien telgha jixtri l-pastizzi madwar nofs il-lejl meta lemah il-mara tieghu tiela mid-direzzjoni opposta fil-vettura tal-kwerelant. Hu dawwar u saq ghal warajhom u waqaf ftit 'l boghod minnhom fuq l-irdum ta' Had Dingli. Xi ghaxar minuti wara mexa fid-direzzjoni tal-kwerelant u qal li indirizza lill-martu billi qalilha li b'hekk kien qabadha fil-fatt u mhux hi qabdet lilu. Jghid li l-imputat beda jxejjer idu minn gewwa l-vettura u hu qabad u laghablu daqqa izda ma jafx fejn laqtu u x'ghamillu.

Ikkunsidrat:
Illi l-kwerelant xehed dwar dettall partikolari u cioe' li hu kien ghadu kemm jghaddi ghall-Agius minn stabbiliment li jinsab vicin ir-Rabat. Dan id-dettall huwa ta' importanza ghaliex il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-imputat lemah lill-martu gewwa l-vettura tal-kwerelant fid-dlam ta' nofs il-lejl bid-dawl, almenu tal-vettura tal-kwerelant, gejja mid-direzzjoni opposta. Dan qed jinghad ghaliex din il-parti tal-verzjoni tal-imputat mhix attendibbli u l-Qorti hi tal-

fehma illi l-imputat kien qed jaghmel ghassa lill-martu fl-istabilliment hdejn ir-Rabat. Jekk gej mid-direzzjoni opposta, dan ried b'xi mod idawwar il-vettura tieghu u sakemm b'din il-manuvra l-kwerelant kien zgur josfor mill-vizwali tieghu. Mill-bqija tad-deposizzjoni tieghu, din tikkonferma biss dik tal-kwerelant u l-Qorti mhix rinfaccjata b'xi tezi ta' autodifeza jew provokazzjoni. L-imputat ghazel illi jaffronta is-sitwazzjoni u ghalhekk ghandu jwiegeb tal-konsegwenzi kollha talli refa idejh fid-direzzjoni tal-kwerelant.

Illi dwar il-griehi sofferti, ic-certifikat mediku juri li l-kwerelant sofra griehi gravi izda l-affidavit juri li dawn kienu griehi hfief. Evidentement l-affidavit jinkorpora traskrizzjoni inezatta tac-certifikat mediku u ma ngiebet ebda prova kontrarja tieghu;

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 214 u 216, 325(b), 339(d) u 338(dd) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u ghalhekk qed titrattah bhala "first offender" u stante li ma jimmeritax li jkun inkarcerat, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti torbot lill-imputat b'garanzija sabiex ma jdejjaqx u\jew ma jimmolestax lil Louis Joe Dalli u\jew lil Christine Agius fuq penali ta' Euro 233 ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------